Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

14 ta' Diċembru 2017 [*] [i]

[Test irrettifikat bid-digriet tal-20 ta' Marzu 2018]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kundizzjonijiet armonizzati ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti għall-kostruzzjoni – Standard armonizzat EN 1090-1:2009+A1:2011 – Kriterji ta' determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' standard adottat mill-Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni (CEN) skont mandat tal-Kummissjoni Ewropea – Partijiet minn riffieda li għandhom jiġu ffissati fil-konkrit qabel it-twebbis tiegħu u użati għall-iffissar ta' pannelli tal-faċċata u l-appoġġi tal-ġebel għall-qafas tal-bini"

Fil-Kawża C-630/16,

li għandha bala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Helsingin hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva ta' Ħelsinki, il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Diċembru 2016, fil-proċedura mibdija minn

**Anstar Oy**

fil-preżenza ta':

**Turvallisuus- ja kemikaalivirasto (Tukes),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn J. Malenovský, President tal-Awla, D. Šváby (Relatur) u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Settembru 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Turvallisuus- ja kemikaalivirasto (Tukes), minn P. Kulmala u K. Siponen, bħala aġenti,

– għall-Gvern Finlandiż, minn S. Hartikainen, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Zavvos, P. Aalto u M. Huttunen, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU 2011, L 88, p. 5) kif ukoll l-istandard armonizzat EN 10901:2009+A1:2011, intitolat "Eżekuzzjoni ta' strutturi tal-azzar u ta' strutturi tal-aluminju – Parti 1: Rekwiżiti għal kejl ta' konformità ta' komponenti strutturali") (iktar 'il quddiem l-"istandard EN 1090-1:2009+A1:2011").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura mibdija quddiem il-Helsingin hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva ta' Ħelsinki, il-Finlandja) minn Anstar Oy, kumpannija rregolata mid-dritt Finlandiż, rigward deċiżjoni tat-Turvallisuus- ja kemikaalivirasto (Tukes) (Aġenzija tas-Sigurtà u tal-Prodotti Kimiċi, il-Finlandja) (iktar 'il quddiem l-"Aġenzija"), rigward deċiżjoni li permezz tagħha din tal-aħħar, essenzjalment, tipprojbixxi lil Anstar milli tuża l-marka "CE" fir-rigward tal-istandard armonizzat EN 1090-1:2009+A1:2011, għal erba' kategoriji ta' prodotti maħduma minn din tal-aħħar.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Ir-Regolament Nru 305/2011*

3 Il-premessi 6 u 10 tar-Regolament Nru 305/2011 isostnu li l-għan li għandu jintlaħaq min dan ir-regolament jikkonsisti li jitneħħew l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' prodotti għall-kostruzzjoni billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-kostruzzjoni, sabiex jissaħħaħ il-moviment liberu tagħhom fis-suq.

4 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 305/2011, intitolat "Definizzjonijiet", jippreċiża li huwa mifhum bi:

"10) "speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati" tfisser standards armonizzati u Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni;

11) "standard armonizzat" tfisser standard adottat minn wieħed mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE (tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta'l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337)), abbażi ta' talba magħruġa mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva;

[...]"

5 L-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, li huwa relatat mad-"dikjarazzjoni ta' prestazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Meta prodott għall-bini jkun kopert minn standard armonizzat jew jikkonforma ma' Valutazzjoni Teknika Ewropea li tkun inħarġet għalih, il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni ta' prestazzjoni għalih meta jitqiegħed fis-suq."

6 L-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament, dwar is-"Standards armonizzati", jipprevedi, fil-paragrafi 1, 3 u 5 tiegħu:

"1. L-istandards armonizzati għandhom ikunu stabbiliti mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 98/34/KE abbażi ta' talbiet (minn hawn 'il quddiem "mandati") maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva wara konsultazzjoni mal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini imsemmi fl-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat Permanenti dwar il-Bini").

[...]

3. L-istandards armonizzati għandhom jipprovdu l-metodi u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

Meta jkun previst fil-mandat rilevanti, l-istandard armonizzat għandu jirreferi għal użu intiż tal-prodotti li ser ikopri.

L-istandards armonizzati għandhom, fejn adatt u mingħajr ma jipperikolaw il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-istabbiltà tar-riżultati, jipprevedu metodi inqas onerużi mill-ittestjar għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom.

[...]

5. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konformità tal-istandards armonizzati stabbiliti mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni bil-mandat rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-lista ta' referenzi ta' standards armonizzati li huma f'konformità mal-mandati rilevanti."

7 L-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament, li jikkonċerna d-"[d]okument Ewropew ta' Valutazzjoni", jipprovdi, b'mod partikolari:

"1. B'segwitu għal talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea minn manifattur, id-Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni għandu jiġi mfassal u adottat mill-organizzazzjoni tal-[organi ta' evalwazzjoni teknika] għal kwalunkwe prodott għall-bini li mhuwiex kopert jew li mhuwiex kopert bis-sħiħ minn standard armonizzat, li l-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tiegħu ma tistax tiġi vvalutata bis-sħiħ skont standard armonizzat eżistenti, minħabba li inter alia:

a) il-prodott ma jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ebda standard armonizzat eżistenti;

b) tal-inqas għal karatteristika essenzjali waħda ta' dak il-prodott, il-metodu ta' valutazzjoni previst fl-istandard armonizzat mhuwiex adatt; jew

c) l-istandard armonizzat ma jipprevedi l-ebda metodu ta' valutazzjoni fir-rigward ta' mill-inqas karatteristika essenzjali waħda ta' dak il-prodott."

8 L-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 305/2011, li huwa intiż għall-obbligi tal-organu għall-evalwazzjoni teknika (iktar 'il quddiem l-"OET") li jirċievi talba għal evalwazzjoni teknika Ewropea, jipprevedi b'mod partikolari:

"1. Il-korp VT li jirċievi t-talba għal Valutazzjoni Teknika Ewropea għandu jinforma lill-manifattur jekk il-prodott għall-bini jkun kopert, kompletament jew parzjalment, minn speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati kif ġej:

a) jekk il-prodott ikun kopert kompletament minn standard armonizzat, il-korp VT għandu jinforma lill-manifattur li, f'konformità mal-Artikolu 19(1), ma tistax tinħareġ Valutazzjoni Teknika Ewropea;

b) jekk il-prodott ikun kopert kompetament minn Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni, il-korp VT għandu jinforma lill-manifattur li dan id-dokument ser jintuża bħala bażi għall-Valutazzjoni Teknika Ewropea li għandha tinħareġ;

c) jekk il-prodott ma jkunx kopert, jew ma jkunx kopert kompletament, mill-ebda speċifikazzjoni teknika armonizzata, il-korp VT għandu japplika r-regoli proċedurali stabbiliti fl-Anness II jew stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 19(3)."

9 L-Artikolu 59 ta' dan ir-regolament, intitolat "Nuqqas ta' konformità formali", huwa fformulat kif ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 56, fejn Stat Membru jkun sab wieħed minn dan li ġej, huwa għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti ma jkomplix bin-nuqqas tal-konformità kkonċernata:

a) il-marka CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 8 jew l-Artikolu 9;

b) il-marka CE ma tkunx twaħħlet, meta din tkun meħtieġa skont l-Artikolu 8(2);

c) bla ħsara għall-Artikolu 5, id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni ma tkunx tfasslet, meta din tkun meħtieġa skont l-Artikolu 4;

d) id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni ma tkunx tfasslet f'konformità mal-Artikoli 4, 6 u 7;

e) id-dokumentazzjoni teknika jew ma tkunx disponibbli jew inkella ma tkunx kompleta.

2. Meta n-nuqqas tal-konformità msemmi fil-paragrafu 1 ikompli, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha adatti biex jillimita jew jipprojbixxi li l-prodott għall-kostruzzjoni jkun disponibbli fis-suq jew jiżgura li jittieħed lura jew jiġi rtirat mis-suq."

### *L-istandard EN 1090–1:2009+A1:2011*

10 L-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 ġie inizjalment adottat taħt il-forma tal-istandard EN 1090-1:2009, mill-Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni (CEN), fil-15 ta' Ġunju 2008, konformement ma' mandat tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 1998 (M 120 – Mandat mogħti liċ-CEN/Cenelec għat-twettiq ta' xogħlijiet ta' standardizzazzjoni intiżi għall-istabbiliment ta' standards armonizzati għall-prodotti metalliċi strutturali u prodotti anċillari, iktar 'il quddiem il-"mandat M 120"), adottat abbażi tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296).

11 L-istandard EN 1090–1:2009+A1:2011 ġie ppubblikat bir-referenza "EN 1090–1:2009" *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tas-17 ta' Diċembru 2010 (ĠU 2010, C 344, p. 1).

12 Wara l-adozzjoni miċ-CEN, fit-3 ta' Ottubru 2011, tal-emenda 1 għall-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011, dan kien is-suġġett ta' pubblikazzjoni ġdida *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-19 ta' Ġunju 2012 (ĠU 2012, C 176, p. 1).

13 Il-punt 1 ta' dan l-istandard, li jippreċiża il-"[q]asam ta' applikazzjoni" tiegħu, jindika:

"Dan l-istandard Ewropew jispeċifika r-rekwiziti għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-karatteristiċi ta' prestazzjoni għall-komponenti strutturali tal-azzar u tal-aluminju kif ukoll għal kittijiet imqiegħda fis-suq inkwantu prodotti għall-kostruzzjoni. L-evalwazzjoni tal-konformità tkopri l-karatteristiċi ta' produzzjoni, u jekk neċessarju l-karatteristiċi ta' kalkolu strutturali.

Dan l-istandard Ewropew ikopri wkoll l-evalwazzjoni tal-konformità tal-komponenti tal-azar użati fl-istrutturi mħallta azzar-konkrit.

[...]

Dan l-istandard Ewropew ma jkoprix l-evalwazzjoni tal-konformità ta' komponenti għal soqfa sospiżi, linji jew travi għall-użu ferrovjarju.

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

14 Il-punt 3.1.9 tal-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 jiddefinixxi l-"komponenti strutturali" kif ġej:

"Komponenti użati bħala partijiet li jerfgħu tagħbija ta' kostruzzjoni intiżi sabiex jiżguraw reżistenza mekkanika u stabbiltà għall-kostruzzjoni u/jew reżistenza għan-nar, inklużi l-aspetti ta' durabbiltà u ta' kapaċità għas-servizz; dawn jistgħu jintużaw direttament fl-istat ta' kunsinna tagħhom jew jiġu inklużi f'xogħol". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

15 Il-punt 4.5 ta' dan l-istandard, li huwa relatat mal-"karatteristiċi strutturali", jinkludi punt 4.5.1 intitolat "Ġeneralitajiet", li jinkludi b'mod partikolari:

"Il-karatteristiċi strutturali ta' komponent kopert minn dan l-istandard Ewropew jirreferu għall-kapaċità tiegħu li jerfa', id-deformazzjoni tiegħu għall-istat limitu ta' servizz, ir-reżistenza għar-reħja u għar-reżistenza tiegħu għan-nar." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

### *L-istandard armonizzat EN 845-1:2013*

16 L-istandard armonizzat EN 845-1:2013, intitolat "Speċifikazzjoni għal komponenti anċillari għall-bini – Parti 1: Vireg rabbata, ċineg li jifilħu għat-tensjoni, tagħmir li jiddendlu oġġetti miegħu u brakits" (iktar 'il quddiem l-"istandard EN 845-1:2013"), ġie adottat miċ-CEN fil-21 ta' Marzu 2013, konformement ma' mandat tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 1997 (M 116 – Mandat mogħti liċ-CEN/Cenelec għat-twettiq ta' xogħlijiet ta' standardizzazzjoni intiżi għall-istabbiliment ta' standards armonizzati għall-bini bil-ġebel u prodotti relatati (iktar 'il quddiem il-"mandat M 116"), adottat abbażi tad-Direttiva 89/106.

17 Ir-referenzi tal-istandard EN 845-1:2013 ġew ippubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-13 ta' Frar 2015 (ĠU 2015, C 54, p. 80).

18 L-istandard EN 845-1:2013 jistabbilixxi, fil-punt 1 tiegħu, intitolat "[q]asam ta' applikazzjoni":

"Dan l-istandard Ewropew jispeċifika r-rekwiżiti li jikkonċernaw il-vireg rabbata tal-ħajt, ċineg li jifilħu għat-tensjoni, ċineg ta' sospensjoni u brakits użati sabiex jiġu żgurati l-konnessjonijiet bejn bini bil-ġebel u konnessjonijiet bejn il-bini bil-ġebel u partijiet oħra tax-xogħol jew tal-kostruzzjoni, inklużi

l-ħitan, pavimenti, travi u arbli. Meta l-komponenti ta' riffieda jew ta' ffissar huma pprovduti jew speċifikati bħala parti integrali minn komponent aċċessorju, ir-rekwiżiti, inklużi r-rekwiziti ta' prestazzjoni, japplikaw għall-prodott komplet.

Il-prodotti li ġejjin ma humiex koperti minn dan l-istandard Ewropew:

a) komponenti ta' riffieda u ta' ffissar minbarra dawk il jagħmlu parti integrali minn komponent aċċessorju;

b) gwarniċi għat-tond ta' sostenn;

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19 Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Frar 2014, l-Aġenzija ordnat lil Anstar, abbażi tal-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 305/2011, li tieqaf milli tipprovdi u li tbigħ erba' kategoriji ta' prodotti li għandhom il-marka "CE" fir-rigward tal-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 u, mill-4 ta' Marzu 2014, li tieqaf milli tuża l-marka "CE" kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni, prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 305/2011, fil-kuntesti kollha marbuta ma' dawn l-erba' kategoriji ta' prodotti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

20 Din id-deċiżjoni tiddeskrivi l-erba' kategoriji ta' prodotti kkonċernati bil-mod li ġej:

"1. Sistemi ta' riffieda użati sabiex jiġu ffissati pannelli tal-faċċata u appoġġi tal-ġebel għall-qafas tal-bini; […]

2. Boltijiet […];

Pjanċi ta' riffieda u elementi ta' mmuntar standard tal-azzar […];

Sistemi ta' bracing; […]

3. Bażi għall-pilastri u ħitan; […]

4. Konnessjonijiet għall-gallariji".

21 Skont din id-deċiżjoni, dawn il-kategoriji ta' prodotti ma jissemmewx fil-mandat M 120 u għalhekk ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandard EN 1090 1:2009+A1:2011.

22 Fil-fatt, skont l-Aġenzija, il-boltjiet, il-pjanċi għall-iffissar, l-elementi ta' mmuntar standard tal-azzar, is-sistemi ta' bracing kif ukoll il-bażi għall-pilastri, iddestinati għal użu identiku jew analogu għal dak tal-prodotti maħduma minn Anstar, kienu s-suġġett ta' approvazzjonijiet tekniċi Ewropej ETA-02/0006 u ETA-04/0056. Issa, sa fejn, minn naħa, dawn l-approvazzjonijiet, maħruġa abbażi tad-Direttiva 89/106 u li jikkorrispondu mad-dokumenti ta' evalwazzjoni Ewropej fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 305/2011, huma dejjem validi u fejn, min-naħa l-oħra, tali approvazzjonijiet jew dokumenti jistgħu jinkisbu biss għal prodott li ma huwiex kopert jew li ma huwiex totalment kopert minn standard armonizzata, l-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 ma japplikax għal dawn il-prodotti.

23 Fir-rigward tas-sistemi ta' riffieda użati sabiex jiġu stabbiliti pannelli tal-faċċata u appoġġi tal-ġebel għall-qafas tal-bini, dawn jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat M 116. Għaldaqstant, skont l-Aġenzija, il-marka "KE" ta' dawn is-sistemi ta' riffieda tiġi ġġustifikata biss jekk l-istandard armonizzat imfassal fuq il-bażi tal-mandat M 116 kien osservat.

24 Billi qieset li l-prodotti li hija tipproduċi huma koperti mill-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 u mill-mandat M 120, Anstar ippreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Helsingin hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva ta' Ħelsinki, il-Finlandja), intiż sabiex tikseb l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.

25 Insostenn tar-rikors tagħha, Anstar issostni li l-kategoriji ta' prodotti mesmmija fid-deċiżjoni kontenzjuża la jaqgħu taħt l-istandard EN 845–1:2013 u lanqas taħt l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej ETA-02/0006 u ETA-04/0056.

26 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat M 120 u tal-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 huwa deskritt f'termini wiesgħa u ġenerali li ma jeskludux neċessarjament, jew fi kwalunkwe każ, mhux fit-totalità tagħhom, il-prodotti maħduma minn Anstar, li huma previsti mid-deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn dawn jintużaw konformement mad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 305/2011.

27 Madankollu l-qorti tar-rinviju tirrileva li l-istess konstatazzjoni tista' tiġi indirizzata fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat M 116 u tal-istandard EN 845-1:2013. Issa, għalkemm il-prodotti maħduma minn Anstar jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-mandat u ta' dan l-istandard, dawn ma jistgħux jiġu koperti mill-mandat M 120 u mill-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011.

28 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinivju ma teskludix li kull jew parti mill-prodotti maħduma minn Anstar jistgħu jaqgħu taħt approvazzjonijiet tekniċi Ewropej ETA-02/0006 u ETA-04/0056.

29 Il-qorti tar-rinviju tqis neċessarju li tadixxi l-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari, sa fejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 jidher li huwa evalwat diversament fl-Istati Membri. Issa, dawn id-diverġenzi ta' evalwazzjoni jistgħu jaffettwaw il-moviment liberu tal-prodotti ta' kostruzzjoni u, għaldaqstant, jippreġudikaw wieħed mill-għanijiet espliċiti li għandhom jintlaħqu mir-Regolament Nru 305/2011, li jinsab b'mod partikolari fil-premessi 6 u 10 tiegħu.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Helsingin hallinto-oikeus (il-Qorti Amministrattiva ta' Ħelsinki), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-mandat M/120 u l-istandard [...] EN 1090-1:2009+A1:2011, adottat abbażi tiegħu, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-prodotti li għandhom jiġu ffissati fil-konkrit qabel it-twebbis tiegħu, kif elenkati fil-punti 1 sa 4 tad-deċiżjoni [kontenzjuża] (sistemi ta' sospensjoni [riffieda] użati għall-iffissar ta' pannelli tal-faċċata u appoġġi tal-ġebel għall-qafas tal-bini, ċerti boltijiet, pjanċi għall-iffissar u elementi ta' mmuntar standard tal-azzar, sistemi ta' bracing, bażi għall-pilastri u ħitan, kif ukoll konnessjonijiet għall-gallariji) ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom?

2) Ir-Regolament 305/2011, il-mandati tal-Kummissjoni ċċitati fil-kawża preżenti u d-dritt tal-Unjoni jipprekludu l-interpretazzjoni [tal-Aġenzija], li tgħid li l-imsemmija prodotti ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat M/120 u tal-istandard [EN] 1090-1:2009+A1:2011?"

**Fuq id-domandi preliminari**

31 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 għandux jiġi interpretat fis-sens li prodotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandhom jiġu ffissati fil-konkrit qabel it-twebbis tiegħu, jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

32 L-ewwel nett, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni biex tinterpreta, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, standard armonizzat fis-sens tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament Nru 305/2011, u li r-referenzi tiegħu kienu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Serje C (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, James Elliott Construction, C-613/14, EU:C:2016:821, punt 47).

33 Fir-rigward ta' dan, meta l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'rinviju għal deċiżjoni preliminari fl-interpretazzjoni ta' tali standard armonizzat, hija l-qorti tar-rinviju li għandha, abbażi tal-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja u fid-dawl tal-punti ta' fatt għad-dispożizzjoni tagħha, tiddetermina l-istandard tekniku applikabbli għal prodott partikolari (ara, b'analoġija, fil-qasam ta' klassifikazzjoni tariffarja, is-sentenzi tas-7 ta' Novembru 2002, Lohmann u Medi Bayreuth, C-260/00 sa C-263/00, EU:C:2002:637, punt 26 kif ukoll tat-28 ta' April 2016, Oniors Bio, C-233/15, EU:C:2016:305, punt 28).

34 Fil-fatt, sabiex jiġi interpretat l-istandard EN 1090–1:2009+A1:2011, fl-ewwel lok, għandu jsir riferiment għall-kontenut ta' dan l-istandard, inklużi l-annessi tiegħu, dwar il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

35 Fit-tieni lok, standard armonizzat għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-mandat li huwa fl-oriġini tiegħu. Fil-fatt, skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 305/2011, l-istandards armonizzati għandhom ikunu stabbiliti mill-organi Ewropej għall-istandardizzazzjoni elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE abbażi ta' talbiet li ġejjin mill-Kummissjoni. Issa, skont l-Artikolu 17(5) ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tevalwa l-konformità tal-istandards armonizzati stabbiliti minn dawn l-organi Ewropej għall-istandardizzazzjoni bil-mandati rilevanti.

36 Isegwi li l-kamp ta' applikazzjoni ta' standard armonizzat ma jistax jiġi interpretat b'mod iktar wiesa' minn dak tal-mandat li huwa l-bażi tiegħu.

37 F'dan il-każ, l-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-mandat M 120.

38 Fit-tielet lok, meta, bħal fil-kuntest tal-kawża prinċipali, prodott jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' diversi speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati, dan jeħtieġ, l-ewwel nett, li jitfittex jekk l-istandard l-iktar reċenti ma kellux bħala effett li jħassar dak l-iktar antik.

39 F'dan ir-rigward, konformement mal-punt (a) tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Nru 305/2011, kull standard armonizzat li jinsab fil-lista, ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, tar-referenzi ta' standards armonizzati li huma f'konformità mal-mandati rilevanti, għandu jsemmi r-referenzi tal-"[i]speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati li m'għadhomx japplikaw", li, fir-rigward tal-Artikolu 2(10) ta' dan ir-regolament, jirreferi kemm għall-istandards armonizzati kif ukoll għad-dokumenti Ewropej ta' evalwazzjoni.

40 Għalhekk, peress li standard armonizzat ma jindikax espressament li huwa intiż sabiex jissostitwixxi standard armonizzat ieħor jew evalwazzjoni teknika Ewropea waħda jew iktar, dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati jibqgħu fis-seħħ u jikkostitwixxu leġiżlazzjoni speċjali derogatorja. Fil-fatt, skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 305/2011, dokument Ewropew ta'

evalwazzjoni jista' jiġi adottat biss għal prodott għall-bini li ma huwiex kopert jew li ma huwiex kopert bis-sħiħ minn standard armonizzat, li l-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tiegħu ma tistax tiġi evalwata bis-sħiħ skont standard armonizzat eżistenti.

41 Din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 305/2011, minbarra dan, hija kkorroborata mill-Artikolu 21(1)(a) ta' dan ir-regolament, li jipprovdi li, meta OET jirċievi talba għal evalwazzjoni teknika Ewropea li tikkonċerna prodott li jkun kopert kompletament minn standard armonizzat, dan l-organu għandu jinforma lill-manifattur li, f'konformità ma' dan l-Artikolu 19(1), ma tistax tinħareġ evalwazzjoni teknika Ewropea.

42 Minbarra dan, għalkemm huwa veru li d-dokumenti ta' evalwazzjoni Ewropej, fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 305/2011, bħall-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej, fis-sens tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 89/106 mħassra minn dan ir-regolament, jistgħu jiġu fformulati biss għall-prodotti għall-bini li ma humiex koperti, totalment jew parzjalment, minn standard armonizzat, xorta jibqa' l-fatt li, bħalma ġie indikat fil-punt 32 ta' din is-sentenza, l-interpretazzjoni ta' dawn l-istandards tappartjeni, b'mod definittiv, għall-Qorti tal-Ġustizzja u mhux għall-awtur ta' tali dokumenti jew approvazzjonijiet. Għalhekk, meta hija msejħa tinterpreta standard armonizzat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni, bħala element fost l-oħrajn, l-eżistenza ta' dokument ta' evalwazzjoni Ewropew jew ta' approvazzjoni teknika Ewropea, bħala indikazzjoni tal-fatt li l-prodotti koperti minnhom, kif ukoll prodotti analogi, ma huma koperti minn ebda standard armonizzat, mingħajr madankollu ma tali element jista' jkollu natura determinanti u lanqas li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi prekluża, skont il-każ, li tasal għal interpretazzjoni tal-istandard armonizzat ikkonċernat differenti minn dik adottata mill-awtur ta' dan id-dokument jew ta' din l-approvazzjoni.

43 Madankollu, f'dan il-każ, għalkemm il-qorti tar-rinviju semmiet, fit-talba tagħha, l-approvazzjonijiet tekniċi Ewropej ETA-02/0006 u ETA-04/0056, dawn ma jinsabux fil-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax teħodhom inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-istandard armonizzat EN 1090-1:2009+A1:2011.

44 Fir-raba' lok, fir-rigward tad-dokumenti ta' gwida ppubblikati mill-organi nazzjonali jew internazzjonali ta' standardizzazzjoni, għandu jiġi rrilevat li, anki jekk tali dokumenti huma intiżi li jippreċiżaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-istandards armonizzati li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati mill-Kummissjoni, xorta jibqa' l-fatt li dawn ma jistgħux jikkostitwixxu atti legalment vinkolanti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Isegwi li dawn id-dokumenti ma għandhomx effett fuq l-interpretazzjoni ta' standard armonizzat u lanqas ma jorbtu lill-qrati nazzjonali, anki jekk jistgħu jikkostitwixxu gwida utli għall-finijiet tal-implementazzjoni ta' dan l-istandard.

45 F'dan il-każ, fir-rigward tal-prodotti previsti mid-deċiżjoni kontenzjuża, jirriżulta, l-ewwel nett, mill-punt 1 tal-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011, li jippreċiża l-"qasam ta' applikazzjoni" tiegħu, li dan l-istandard armonizzat, minn naħa, jispeċifika r-rekwiżiti għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-karatteristiċi ta' prestazzjoni tal-komponenti strutturali tal-azzar u tal-aluminju kif ukoll kittijiet imqiegħda fis-suq inkwantu prodotti għall-kostruzzjoni u, minn naħa l-oħra, ikopri l-evalwazzjoni tal-konformità tal-komponenti tal-azzar użati fl-istrutturi mħallta azzar-konkrit.

46 Minbarra dan, fit-termini tal-punt 3.1.9 ta' dan l-istandard, il-"komponenti strutturali" jindikaw il-komponenti użati inkwantu partijiet li jerfgħu tagħbija ta' kostruzzjoni intiżi li jiżguraw reżistenza mekkanika u stabbiltà għall-kostruzzjoni u/jew reżistenza għan-nar.

47 Barra minn hekk, il-punt 4.5.1 tal-istandard EN 1090-12009+A1:2011 jippreċiża li l-karatteristiċi strutturali ta' komponent kopert minn dan l-istandard jirreferu b'mod partikolari għall-kapaċità li jerfa' tagħbija tiegħu.

48 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 huwa intiż sabiex japplika għall-prodotti għall-kostruzzjoni li għandhom funzjoni strutturali, jiġifieri għall-prodotti li l-irtirar tagħhom minn kostruzzjoni jnaqqas immedjatament ir-reżistenza tagħha. Il-funzjoni tal-parti li terfa' tagħbija fl-istruttura kollha tax-xogħol ta' kostruzzjoni għandha għalhekk tkun essenzjali.

49 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jiġu risposti li l-istandard EN 1090-1:2009+A1:2011 għandu jiġi interpretat fis-sens li prodotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandhom jiġu ffissati fil-konkrit qabel it-twebbis tiegħu, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jekk għandhom funzjoni strutturali, fis-sens li l-irtirar tagħhom minn kostruzzjoni jnaqqas immedjatament ir-reżistenza tagħha.

**[Kif irrettifikat bid-digriet tal-20 ta' Marzu 2018] Fuq l-ispejjeż**

50 [Kif irrettifikata bid-digriet tal-20 ta' Marzu 2018]. Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-istandard EN 1090–1:2009+A1:2011, intitolat "Eżekuzzjoni ta' strutturi tal-azzar u ta' strutturi tal-aluminju – Parti 1: Rekwiżiti għal kejl ta' konformità ta' komponenti strutturali", għandu jiġi interpretat fis-sens li prodotti, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandhom jiġu ffissati fil-konkrit qabel it-twebbis tiegħu, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jekk għandhom funzjoni strutturali, fis-sens li, l-irtirar tagħhom minn kostruzzjoni jnaqqas immedjatament ir-reżistenza tagħha.**

Firem

i — Fil-punt 50 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.